MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 446/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Andre Cutajar**

**Illum 15 ta' Novembru 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Andre Cutajar** ta’ 19-il sena, iben Carmelo u Rita *nee’* Mifsud, imwieled Pieta nhar id-19 ta’ Ottubru 1993, detentur tal-karta tal-identita numru 474693(M) u residenti gewwa l-fond Nru. 87, Triq Il-Kbira, Zejtun, u nakkuzawh talli;

1. F’ dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta’ Novembru 2012 u fil-granet ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta’l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. F’ dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta’ Novembru 2012 u fil-granet ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat Andre Cutajar**;**

Il-Qorti rat il-fedina Penali netta ta' l-imputat;

Rat l-Artikoli 4 u 6 tal-Kap 101 u l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 31.18 u l-Kap 31;

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446;

Il-Qorti, ghalhekk, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat **Andre Cutajar** hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u a tenur ta' l-istess artikolu 7 tal-Kap 446 tordna li tinhariglu ordni tal-probation ghall-zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet inkluzi fl-ordni li qed tigi mahruga kontestwalment ma' tali decizjoni.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------